**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 24 ta' Gunju 2002.**

**Pulizija**
**Spettur Christopher Pullicino**

**Vs**

**Joseph Sciberras**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Sciberras ta' 34 sena imwieled Mtarfa fit-18 ta' Gunju 1967 iben il-mejjet Joseph u l-mejta Mary nee' Gauci u joqghod Blk D, Flat 4, Triq il-Biedja, Mosta, bin-numru tal-karta tal-identita' 246767 M;

Talli fis-7 ta' Settembru 2001 u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe' f'San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti mill-Lukanda SAS Radisson, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-hin u li sar ghad-detriment tad-dirigenti ta' l-istess lukanda.

U aktar talli fl-istess zmien, hin u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk

dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Wara illi rat l-Artikolu 261 et tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta l-imputat Joseph Sciberras, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-istess imputat, hati ta' kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, filwaqt li ssibu hati, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien tmintax-il-xahar (18) mil-lum, a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152, tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.